MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 7

23 ta' Diċembru 2019

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
John P.Bonnici – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Remigio Bartolo – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Kulħadd kien preżenti u fil-ħin bl-eċċezzjoni tas-Sur Remigio Bartolo li kien jinsab indispost u s-Sur Bonnici li kien għadu ma wasalx sal-bidu tal-laqgħa.

## 7.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

7.1.1 Kien hemm ittra ta' apoloġija mis-Sur Remigio Bartolo. Din l-apoloġija ġiet aċċettata.

## 7.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

7.2.1 Il-minuti ġew approvati.

## 7.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

7.3.1 *Ġieħ Ħ'Attard 2019*

Is-Sindku qal li s-serata kienet success u kellu *feedback* tajjeb ħafna. Ġibed l-attenzjoni fuq inċident żgħir li ġara fejn irċieva telefonata u ntqal lilu li min kien ha jirċievi l-Unur kien ġa magħruf. Qal li mhix etika li minn laqgħa jillikjaw xi affarijiet speċjalment meta anka fis-Sala stess waqt is-serata bdew għaddejjin kummenti u jixtieq li meta seduti jsiru fil-magħluq dawn jibqgħu bil-kunfidenzjalità bejniethom biss.

7.3.2 *Enbankment u Bini ta' Info Centre*

Is-Sur Cordina qal li llum saret l-inawgurazzjoni tal-Embankment ġaladarba t-temp sa fl-aħħar ippermetta. Hu qal li s-Sur Bartolo wera nteress li jkompli fuq il-ħidma tas-Sur Cassar fuq dan il-proġett. Ghaldaqstant propona li jingħadda din ir-responsabbiltà sabiex ikun hemm kontinwazzjoni u ko-ordinazzjoni bejn il-Periti u l-Kunsill. Qal ukoll li dan ma jfissirx li ħadd ma jista' jgħin jew jintervjeni anzi iħossuhom fil-liberta' li jgħinu fejn jistgħu.

7.3.3 *Tindif miż-żjut tal-Pjazza*

Problema sabiex tiġi mpurtata il-kimika sabiex jitneħħew it-tbajja taż-żjut fil-Pjazza. Kien hemm kwotazzjoni ta' madwar €5000 u oħra ta' €600 u l-kwotazzjoni li kien tkellem dwarha waqt il-laqgħa tal-Kunsill, kompla s-Sur Cordina qal li hemm problema minħabba l-importazzjoni ta' dan il-*highly flammable material.* Is-Sur Galea qal li hu jixtri minnu sikwit minħabba xogħlu u qatt ma kien hemm problemi simili. Is-Sur Cordina qal li dan iltaqa' miegħu kumbinazzjoni u talbu imejl address imma jekk is-Sur Galea, li hu ntiż f'dan ix-xogħol jista' jġib kwotazzjoni oħra hu aħjar għax kif qal hu waħda għolja wisq u l-oħra qas ħaqq il-materjal tat-tindif.

7.3.4 *Sejħa għall-Supervisor u Skrivan/a*

Qal li taħt l-Internal Call m'applika ħadd għalhekk ħa jimxu għall-Part 1 tal-Jobs Plus.

## 7.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

7.4.1 Is-Sur Victor Galea:

- Qal li dakinhar ta' Jum il-Premjazzjoni iltaqa' mal-Kap tal-Iskola Primarja u din qalet li taħt il-*Hall* kollu jinsab vojt u talbet jekk jistgħux isiru xi lezzjonijiet lit-tfal tal-*ispeech therapy* għat-tfal. U saqsa x'qed isir bħalissa fil-*basement* tal-iskola? Is-Sur Cordina qal li l-PC Room qed isirulha xi xogħolijiet (*submersible pump*) minħabba li f'jiem ta' xita medja din tegħreq bl-ilma. Fil-fatt hemm ħafna umdita' u riħa t'għeluq. L-istess ħaġa tiġri fil-*basement* ta' taħt l-iskola li bħalissa parti żgħira minnu qed tintuża bħalha gym u l-parti l-oħra għandha xi ħsarat li għad irid isiru xogħolijiet fuqha. Hu qal li peress li waqt laqgħat jitressqu bosta suġġerimenti sabiex jingħataw għajnuniet bħal yoga qal li forsi jista' jintużal-basement għal dan l-iskop

Is-Sur Bonniċi daħal f'dan il-mument 6.24pm. Hu skuża ruħu minħabba nċident żgħir li kellu li minħabba fih ma setax jattendi fil-ħin.

- Reġa saqsa fuq l-uffiċċini f'hiex waslu minħabba x-xewqa tiegħu li l-Kunsill joħrog minn fejn hu u jekk hemmx il-ħsieb li jinkera s-sular ta' fuq fejn se jikri l-Kunsill. Is-Sur Cordina qal li jista' jinkera però s'issa m'hemmx il-ħsieb.

Ġiet sospiża l-laqgħa sabiex isiru l-Preżentazzjoni taċ-ċekk ta' Puttinu Cares lis-Sinjorina Martina Fenech in rappreżentanza ta' din l-organiżazzjoni. Hi ġiet preżentata ċekk għall-ammont ta' €2031.65c. Preżentazzjoni oħra saret lis-Sinjura Josette Frendo f'isem Smiling With Jerome.

7.4.2 Is-Sinjura Helen Caruana:

- Saqsiet fuq xi tabelli tan-No Entry min-naħa ta' Ħal-Lija. Is-Sur Cordina qal li dawn kien temporanji sakemm jitlestew ix-xogħolijiet marbutin ma' Triq Kananea.

7.4.3 Is-Sur Alex Mangion:

- Reġa' saqsa fuq it-Traffic Management tas-Central Link. Għad m'hemmx risposta.

Il-Perit Schembri ħalla l-kamra f'dan il-mument 6.37pm

## 7.5 Rapporti

7.5.1 Ġew approvati l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2020 li ġew diskussi waqt il-laqgħa pubblika fuq l-allokazzjoni tas-sena 2019. Dawn l-estimi għandhom jiġu riveduti u ri -approvati fuq l-allokazzjoni għas-sena 2020 meta din tiġi riċevuta.

## 7.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

7.6.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni it-tiġdid tal-leave tal-impjegati:
6 t'ijiem Diandra Borg
6 t'ijiem Karen Fsadni

16-il ġurnata Yanica Sammut minħabba Leave tal-Maternità kontinwazzjoni
Dan il-leave ġie approvat u mġedded.

## 7.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

7.7.1 Approvati wara li s-Segretarju Eżekuttiv qalet li minħabba printjar ta' ċekk fuq ieħor waqt il-preparazzjoni taċ-ċekkijiet, iċ-cedola kellha xi ftit tibdiliet u żidiet fosthom iċ-ċekkijiet tal-ARMS minħabba d-dawl u l-ilma biex jissaqqew il-pjanti fuq l-*embankment*, il-Librara u l-Assistent Librara u s-servizz tal-bar waqt Jum Ħ'Attard.

## 7.8 Mozzjonijiet; u

7.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 7.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

7.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.50pm u ġiet aġġornata għall-21 ta' Jannar 2020 fis-6.00pm.

Konfermati, illum 21 ta' Jannar 2020.

| | |
|---|---|
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |